# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 31/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Maria Stella Attard)**

**vs**

**Jason Paul Ciantar**

Seduta tas-26 t'April, 2018

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Jason Paul, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 534588M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-4 t' Awwissu, 2015 ghal habta ta' 09:00hrs fi Triq Kan Karm Pirotta, Birkirkara:

1. Naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-pulizija jew minn ufficjal iehor ta' awtorita' ohra waqt il-qadi ta' dmirijiethom, jew ma hallihomx jaghmlu jew hassar dak li kienu qed jaghmlu;

2. Bhala sid jew xuffier ta' l-imsemmija vettura bil-mutur, naqas li jara li l-licenzja kienet mwahhla man-naha tax-xellug tal-windscreen;

3. Kellu vettura bil-mutur fit-triq, kemm jekk ipparkjata, kemm jekk qed tintuza minghajr ma kellu licenzja mahruga mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta u naqas li jgeddidha kull sena;

4. Kellu fil-pussess tieghu, jew taht ir-responsabbilita tieghu xi vettura bil-mutur li ma kienitx registrata ma' l-Awtorita' u li fuqha t-taxxa tar-Registrazzjoni applikabbli ma kinitx imhallsa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-19 ta' Jannar, 2016 li biha il-Qorti illiberatu mill-imputazzjoni numru wiehed (1), u sabitu hati tal-imputazzjonijiet numru tnejn (2), tlieta (3) u erbgha (4) u kkundannatu ghall-multa ta' €1,500, pagabbli ratealment €100 fix-xahar, l-ewwel pagament isir fl-1 ta' Marzu, 2016, b'dan illi jekk ma jsirx il-hlas ta' xi wahda mir-rati, l-ammont shih li jkun fadal ghandu jkun dovut u jithallas minnufih, u fin-nuqqas ta' tali hlas, il-bilanc ta' l-ammont dovut ghandu jkun awtomatikament konvertibbli fi prigunerija minghajr il-htiega ta' ebda att gudizzjarju iehor;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Jason Paul Ciantar, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-28 ta' Jannar, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha lliberatu mill-ewwel imputazzjoni u thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti li biha sabitu hati tat-tieni, it-tielet u r-raba' akkuza u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena. B'mod subordinat, l-appellant talab varjazzjoni fil-piena kominata;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma li waqt ronda il-Pulizija innutaw vettura pparkeggjata quddiem ix-*showroom* tal-karozzi tal-appellant liema vettura kellha numri ta' registrazzjoni barranin, minghjar licenzja mwahhla fuq il-*windscreen* u malli ghamlu ricerka fuq is-sistema taghhom sabu li il-licenzja taghha barra minn Malta ma kienitx imhallsa u kellha ukoll l-MOT skadut. Din il-vettura kellha Trial Run Plate wiehed mqieghed fuq id-*dashboard*;
2. L-aggravji tal-appellant huma li r-Regolament 368.02 jipprovdi ghall-perjodu ta' tletin jum sabiex issir ir-registrazzjoni ta' vetturi importati f'Malta u l-vettura in kwistjoni kienet ghadha kemm dahlet Malta proprju il-jum ta' qabel u ta' dan ressaq prova dokumentarja. La darba kien konformi mal-ligi isegwi illi ma setghax jinstab hati tat-tieni u t-tielet imputazzjoni ghaliex la kellu obbligu li jwahhal licenzja mal-*windscreen* u anqas li jara li jkollu licenzja valida ghal dik il-vettura;
3. Il-Qorti taqbel mal-appellant illi l-kwistjoni kollha hija dipendenti fuq ir-raba' imputazzjoni. Issa, l-principju regolatur dwar il-kwistjoni odjerna hu dak ravvizat fl-artikolu 2A tal-Kapitolu 368 li jipprovdi li ebda persuna ma ghandu jkollha fil-

pussess jew responsabilita' taghha xi vettura bil-mutur li ma tkunx registrata mal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta. Dan hu suggett ghall-xi eccezzjonijiet temporanji, fosthom, bhal fil-kaz odjern fejn issir importazzjoni tal-vettura minn negozjant ghall-iskop ta' bejgh kif jemergi mill-LS 368.02;

4. Skond id-dokument esebit mill-appellant a fol. 9 tal-atti processwali, l-vettura ddahlet Malta fit-3 ta' Awwissu 2015 igifieri jum qabel ma nstabet parkeggjata fit-triq. L-appellant xehed illi peress illi din il-vettura hija wahda sportiva u baxxa hafna ma setghax idahhalha fil-garage minhabba l-ghamla tar-rampa u peress illi kellu klijent lest li jigi jaraha u jipprovaha fil-ghodu, ma riedx jiehu s-sogru li jipprova jdahhalha fil-garage u jghmlilha l-hsara. Ghalhekk iddecieda li jhalliha parkeggjata barra bit-Trial Run Plate fuq id-*dashboard*. L-appellant ipprovda ukoll certifikat ta' polza ta' assikurazzjoni li tkopri vetturi misjuqa bit-Trial Run Plate bin-numru TR404. Dan ic-certifikat juri li d-data tal-kopertura hija mill-5 ta' Jannar 2016 u tibqa' valida sal-31 ta' Dicembru, 2016;

5. Fit-termini tal-LS 368.02, persuna li timporta vettura ghandha tletin jum sabiex tirregistra dik il-vettura mal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta. Dik il-vettura tkun tista' tinstaq fit-triq matul dak it-tletin jum sakemm ikollha licenzja valida mahruga mill-Istat tal-esportazzjoni u polza ta' assikurazzjoni valida ghall-uzu taghha fit-triq. In mankanza ta' dawn l-ahhar zewg rekwiziti, il-vettura tkun tista' tinstaq fit-triq minn negozjant tal-vetturi mix-xatt ghal garage kif ukoll sabiex tittiehed ghal-skop ta' spezzjonijiet mehtiega mill-Awtorita' u sabiex tkun ippruvata minn klijent bil-kondizzjoni li fuq il-vettura tkun mwahhla pjanca Trial Run sia fuq quddiem kif ukoll fuq wara. Konsegwenza ta' dak provdut fir-regolament 36 (6) vettura bit-Trial Run Plates mhux munita b'licenzja u polza ta' assikurazzjoni valida ma tistax tithalla barra fit-triq;

6. L-istat tal-vettura tal-appellant ma kienitx konformi ma' dawn ir-regoli: kienet tinsab parkeggjata barra t-triq, minghajr Trial Run Plate (wiehed fuq id-*dashboard* fuq gewwa ma jissodisfax il-vot tal-ligi); minghjar licenzja valida; minghajr MOT kurrenti tal-pajjiz minn fejn kienet impurtata u minghajr polza ta' assikurazzjoni. Ghalhekk l-appellant m'ghandux ragun fl-aggravji tieghu sia dwar ir-raba imputazzjoni u konsegwentement dwar it-tieni u tielet wahda.

7. L-appellant jitlob b'mod subordinat varjazzjoni fil-piena ghal-wahda aktar idoea. L-artikolu 21 jiprovdi piena ta' mhux izjed minn €2500 ghar-reat ipotizzat fir-raba' imputazzjoni. L-piena kominata mill-ewwel Qorti ghalhekk tirrientra sew f'dawn il-parametri u ma hemm xejn x'jiddemostra li kellha tkun kominata piena anqas minn dik fil-fatt erogata. Dan l-aggravju ghalhekk qed ikun michud;

8. Ghal dawn ir-ragunijiet, l-appell qed ikun michud.